Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 324/2013/1

**Emanuel Cutajar (appellat)**

**Vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (appellanti)**

5 ta' Novembru, 2018.

1. B'sentenza tat-28 ta' Settembru, 2017 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva laqa' l-appell tar-rikorrent li bih talab li tithassar id-decizjoni tal-intimata li biha wehel hamsin (50) punt ta' penali minhabba li l-bus proprjeta tieghu, li kienet mikrija lil terzi, kienet involuta f'kontravenzjoni tar-Regolament 69(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. L-infrazzjoni grat fis-27 ta' Ottubru, 2013 fi Triq Ross, San Giljan u kienet li l-vettura bin-numru COY 018 intuzat ghal ghan iehor milli biex toffri servizz fuq rotta ta' passigieri turisti. It-Tribunal ikkonkluda:

*"Illi jirrizulta car illi l-Awtorita intimata ghamlet zball meta giet biex tohrog il-penali u l-multa amministrattiva ghall-allegata infrazzjoni. Regolament 69(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 jimponi obbligi fuq l-'operatur' u mhux fuq is-sid li l-vettura tigi operata skont l-istess Regolamenti. Jirrizulta car illi f'dan il-kaz ir-rikorrent kien biss is-sid tal-vettura u mhux ukoll l-operatur. Kwindi meta l-Awtorita' intimata harget id-decizjoni taghha li timponi l-penali amministrattiva u l-punti ta' penali fuq ir-rikorrent, l-istess decizjoni kienet wahda zbaljata. Ghall-allegata infrazzjoni l-Awtorita' intimata setghet timponi l-istess sanzjonjiet fuq l-operatur, u cioe' fuq Alfred Magro ghan-nom ta' Captain Morgan Leisure Limited. Jirrizulta illi dan l-izball sar peress li d-Direttorat tal-Infurzar qaghad fuq dak li rrizultalu mis-sistema tal-VERA, li pero ma tinkludix fiha fuq min tkun qeghda l-licenzja tal-operatur.*

*Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun fl-aggravju tieghu u cioe' li huwa ma kienx l-operatur registrat u ghalhekk qatt ma seta' jigi penalizzat b'dak il-mod. It-Tribunal josserva illi l-Awtorita' intimata, permezz tax-xhud Emanuel Zammit, ikkoncediet li kieku r-rikorrent gibdilhom l-attenzjoni mill-ewwel illi huwa ma kienx l-operatur huma setghu jirrikonsidraw il-posizzjoni taghhom. Madankollu t-Tribunal, ma jarax li dan jista' jimminimizza b'xi mod ir-responsabbilta tad-decizjoni zbaljata ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-Awtorita' intimata kellha l-informazzjoni kollha li kellha bzonn stante li kienet hi stess li harget il-licenzja ta' operatur".*

2. B'rikors prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2017 l-Awtorita appellat mis-sentenza bl-aggravju jkun li mill-provi kien irrizulta li Guido Taddeo Xuereb kien ix-xufier li dakinhar li saret il-kontravenzjoni, saq il-vettura minn Triq Ross, San Giljan bi ksur tar-regolament LS 499.56, triq li l-*open top bus* COY 018 ma kellhiex permess tghaddi minnha. Akkuza li dwarha r-rikorrent ma ressaqx provi li jikkotradicuha. Inoltre, tul il-kawza l-insistenza kienet dwar min hu attwalment sid tal-vettura COY 018.

3. Ir-rikorrent wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appella ghandu jkun michud.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti tiddikjara minghajr ezitazzjoni li l-appell tal-Awtorita' hu fieragh.

5. Fir-rikors promotur li r-rikorrent ipprezenta fil-11 ta' Dicembru, 2013 ilmenta dwar il-penali ta' 50 punt li l-Awtorita mponiet fuqu. Spjega li dakinhar li twettqet il-kontravenzjoni:

    i. L-operatur tal-bus COY 018 kienet Captain Morgan Leisure Limited;
    ii. Dakinhar li grat il-kontravenzjoni kienet mikrija lil Island Sightseeing Ltd skont kuntratt tas-7 ta' Awissu, 2013 (fol. 5);
    iii. Il-vettura kienet qeghda tinstaq minn Giuda Taddeo Xuereb li mhuwiex impjegat tar-rikorrent;
    iv. L-attur qatt m'awtorizza lil Xuereb sabiex isuq il-vettura fi Triq Ross, San Giljan;

6. Dak kollu li ppremetta l-appellant fir-rikors promotur gie ikkonfermat mill-provi. Il-qorti taqbel ghal kollox ma' dak li qal it-Tribunal fir-rigward tal-provi.

7. Il-fatt li r-rikorrent hu s-sid tal-vettura ma kienx rilevanti f'dan il-kaz gialadarba mill-provi rrizulta li l-operatur kienet Captain Morgan Leisure Limited.

8. Fl-avviz ta' penali datat 20 ta' Novembru, 2013 li harget l-appellata hemm dikjarat li l-penali kienet imposta fuq ir-rikorrent, *"....minhabba ksur tar-regolament numru 69(2) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri"*. Dak ir-regolament ighid x'ma jistax jaghmel operatur. Mela f'dan il-kaz zgur li ma japplikax ghar-rikorrent, ghaliex mill-provi rrizulta li fil-gurnata meta twettqet il-kontravenzjoni l-operatur tal-vettura COY 018 kienet Captain Morgan Leisure Limited. Ghal finijiet ta' dak ir-regolament wiehed mill-elementi determinanti hu l-operatur u mhux is-sid. Il-fatt li persuna hi sid tal-vettura ma jfissirx b'daqshekk li hi wkoll l-operatur.

9. Fir-rikors tal-appell saret riferenza ghal dak li xehed Emanuel Zammit (seduta tal-20 ta' Gunju, 2016). Il-qorti qrat it-traskrizzjoni u tqies li dak li qal ix-xhud

mhuwiex ta' ghajnuna ghad-difiza tieghu. Hu evidenti li ghalkemm ix-xhud ikkonferma li fiz-zmien in kwistjoni l-vettura kienet registrata f'isem ir-rikorrent, madankollu ma qalx min kien l-operatur licenzjat tal-vettura. Ghalkemm ix-xhud xehed, *"... meta harget il-kontravenzjoni r-responsabbilta kienet tas-sur Emanuel Cutajar,..."*, kif rajna l-ligi tghid mod iehor. Ghalkemm l-intimata argumentat li x-xhud qal li fit-30 ta' Novembru, 2012 il-vettura kienet registrata f'Malta ghall-ewwel darba, dak il-fatt mhuwiex rilevanti. Pero' rilevanti hu li fid-data tal-kontravenzjoni kien hemm operatur li ma kienx ir-rikorrent. Ghalhekk ma setax kien responsabbli ghall-ksur tar-regolament 69(2).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti. Peress li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellanti thallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn (artikolu 223(4) tal-Kap. 12).**

Anthony Ellul.